MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Numru. 411/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**KONTRA**

**PIERRE FALZON**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Pierre Falzon ta’ 48 sena, bin Francis u Carmelina nee’ Muscat, mwieled Pieta nhar il- 5 ta’ Awwissu 1960, residenti fil- fond Fusina, Triq George Zammit, Attard u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 535060(M)

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli fis- 27 ta’ Frar 2007, u fiz- zminijiet ta’ qabel, f’daqn il-Gzejjer, fil- kapacita’ tieghu ta’ nutar, fil- konfront ta’ Emanuel Mamo, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

1) ghamel uzu hazin, jew seraq flejjes tal- Gvern jew tal- privat, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l- kariga jew impjieg tieghu;

2) taht l- istess cirkustanzi, fil- kapacita’ tieghu ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b’taghkis jew bi hsara ta’ haddiehor;

3) Taht l- istess cirkustanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghailh jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ aktar minn Lm1000 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib l- obbligu tar- radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l- kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad- detriment ta’ Emanuel Mamo u / jew il- Gvern ta’ Malta;

4) Taht l- istess cirkustanzi, ikkommeta tali reat, filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b’hekk sar hati ta’ reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l- kariga tieghu kellu dmir li jimpedixxi.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-Nota ghar-Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali tat 28 t' Ottubru, 2009, fejn gew indikati l-Artikoli relattivi tal-Ligi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

**1. Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. L-imputat, bhala nutar pubbliku, ippubblika diversi kuntratti fejn wiehed mill-partijiet kien certu Emanuel Mamo. Dan Mamo kien zviluppa bicca art flimkien ma' terzi, u kien qed ibiegh garaxxijiet minn dan il-progett. Ma' kull kuntratt ippubblikat, Mamo kien ighaddi sehemu ta' qligh lin-nutar sabiex il-flus jigu depositati fil-kontijiet tal-istess Mamo, sabiex jibqa' jinqata' d-dejn li Mamo kellu mal-bank minhabba f'self u "overdrafts" li kellu fuq l-istess proprjeta' li kienet qed tinbiegh. B'hekk, ma' kull bejgh, kellu jsir kancellament ta' ipoteki li l-bank kellu fuq Mamo u fuq terzi, salv li jithallas il-bank mir-rikavat tal-istess bejgh.

Fost il-kuntratti li Mamo kien parti ghalihom, kien hemm tlitt kuntratti fejn il-bank qal li ma rcieva ebda hlas fuqhom, meta l-istess Mamo qal li hu kien hallas lin-nutar sabiex dak il-flus jigu depositati kontra d-dejn tieghu, kif hawn fuq spjegat. Dan gie rilevat snin wara li l-kuntratti kienu gew ippubblikati. Mamo mar kellem lin-nutar, u xi ftit taz-zmien wara hu ddeposita nofs l-ammont dovut. Sussegwentement il-Pulizija, fuq insistenza ta' Mamo, baghtet ghan-nutar Falzon u bdiet l-investigazzjoni fuq dan l-ilment. B'hekk ittiehdu l-proceduri kontra l-imputat.

**2. Provi**

Il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni juru bic-car li Emanuel Mamo kien fil-fatt jafda lill-imputat b'dawn il-flus ma' kull kuntratt, sabiex jigu depositati fil-kontijiet bankarji tieghu. Mal-kuntratt tas-sittax (16) ta' Dicembru, 1999, Mamo hallas sitt elef lira lill-imputat; mal-kuntratt tat-tletin (30) ta' Marzu, 2000, hallas tlitt elef, u mal-kuntratt tal-ghoxrin

(20) ta’ Novembru, 2003, rega’ hallas tlitt elef lira ohra. Irrisulta li fuq it-tlitt kuntratti indikati, Mamo ta lill-imputat ammont ta’ flus ekwivalenti ghal tnax-il elf liri Maltin, illum kwazi tmienja w ghoxrin elf Ewro. Dawn il-flus ma jirrisultax li gew depositati fil-kontijiet ta’ Mamo, izda tpoggew fil-“clients account” tal-imputat. Kien biss fis-sena 2006 li l-imputat hallas madwar sitt elef u mitejn liri Maltin fil-kontijiet bankarji ta’ Mamo, wara li l-bank kien attira l-attenzjoni tal-istess Mamo li kien ghad hemm nuqqas ta’ hlas fuq tlitt kuntratti. Ma rrisultax li l-bilanc ta’ hamest elef u tmien mitt lira qatt thallas fi stadju ulterjuri. Fix-xiehda tieghu, Mamo jikkonferma li kien ihallas lin-nutar b’dan il-mod biex il-flus imorru dritt il-bank, u qal ukoll li hu anke llum ghadu jafda lill-istess nutar bix-xoghol tieghu, minkejja din il-problema li kienet inqalghet xi zmien qabel.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll id-dokumenti bankarji kollha ta’ Mamo, flimkien mat-tlitt kuntratti relattivi, u noti tar-Registru Pubbliku fuq l-istess kuntratti. Esebiet ukoll l-istqarrija tal-imputat, fejn hemm indikat li fl-2006 hu ddeposita madwar sitt elef u mitejn liri Maltin fil-kontijiet ta’ Mamo peress illi l-istess Mamo kien mar ikellmu wara li gie allertat mill-bank, u l-imputat ighid li sab “surplus” fil-“clients account” tieghu li attribwixxa lil Mamo. Ix-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni jikkorroboraw dan l-istat ta’ fatt.

### 3. Difiza

In difesa, xehed l-imputat li kkonferma li hu kien dejjem jiddeposita l-flus hekk moghtija lilu fil-“clients account” tieghu u jhallas lill-bank mal-kancellament tal-ipoteki u mal-“waivers” fuq l-istess kuntratti. Meta mistoqsi minn din il-Qorti ghaliex, fl-istqarrija tieghu, ighid li sab “surplus” fil-kont bankarju tieghu u ghalhekk assuma li kien dan l-ammont li jappartjeni lil Mamo, hu wiegeb li dak ma kienx relatat ma’ dawk il-kuntratti izda ma’ kuntratti ohra aktar ricenti. L-imputat ma ta ebda spjegazzjoni ohra u ebda gustifikazzjoni ghall-hlas li hu ghamel fl-2006. In kontro-ezami, Emanuel Mamo rega’ kkonferma li hu ghandu fiducja shiha fl-imputat bhala nutar pubbliku.

### 4. Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti

Minn dawn il-provi l-Qorti hi tal-fehma li effettivament l-imputat, ghal xi raguni jew ohra, zamm flus ta’ Mamo fil-kont bankarju tieghu minn flok ma’ poggiehom fil-kont tal-klijent tieghu, kif kellu struzzjonijiet jaghmel. Irrisulta snin wara lid an ma sarx, u irrisulta biss ghax il-bank kien qed jara l-kontijiet ta’ Mamo mhux aktar bhala klijent izda bhala “recovery” tad-dejn dovut lill-istess bank, u meta ra hekk, Mamo kkonfronta lill-imputat u ftit taz-zmien wara thallas parti mill-ammont dovut. L-imputat imkien ma wera ezatt hu x’ghamel bil-flus, u kif jikkontrolla l-flus ta’ terzi fil-kont tieghu. Ghalhekk jirrisulta li l-imputat, ghal tul ta’ zmien konsiderevoli, zamm ghandu flus haddiehor meta kien fid-dmir li ma jaghmilx hekk, u dan minghajr spjegazzjoni jew gustifikazzjoni, u minghajr ma jaghti rendikont dettaljat ta’ ghemilu, kwa’ Nutar Pubbliku.

**5. Punti ta’ Ligi**

Issa minn dan kollu l-Qorti trid tara jekk effettivament dan l-eghmil tal-imputat jaqax taht ir-reati addebitati lilu fl-imputazzjonijiet li taghhom qed iwiegeb f’dawn il-proceduri. Hu gie imputat ta’ serq minn ufficjal pubbliku, ta’ ksur doluz ta’ dmirijiet ufficjali, u ta’ approprjazzjoni bla jedd, bl-aggravanti skond il-ligi. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatti tal-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat tal-approprjazzjoni bla jedd, aktar milli fir-reat l-ohra indikati. Il-fatt li l-imputat zamm il-flus ta’ Mamo ghandu minnflok ma ddepositahom kif kellu jaghmel, jikkostitwixxi r-reat indikat fl-Artikolu 293 tal-Kap 9.

**6. Piena**

Kwantu ghal piena, l-imputat gie addebitat lilu r-reat kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap 9, u l-aggravanti taht l-Artikolu 294 bhala parti mil-professjoni ta’ nutar pubbliku. Ghalhekk il-piena tista’ tizdied sahansitra sa tlitt gradi. Madankollu, il-Qorti, ghalkemm tifhem li r-reat hu wiehed gravi u jmur kontra l-fiducja pubblika, u ghalhekk il-piena ghandha tkun wahda ta’ prigunerija, din m’ghandhiex tkun wahda effettiva. L-imputat ghandu fedina penali netta, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, prigunerija sospiza ghandha sservi bizzejjed bhala deterrent u kontroll fuqu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 127, 138, 141, 293, 294, 310 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat Pierre Falzon hati u ghaldaqstant tikkundannah tmintax (18)- il xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------